MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 404/2005

**HSBC Bank Malta p.l.c (C-3177)**

**vs**

**Saviour Bellotti (ID numru 216945M), Rosaria sive Lucy Bellotti (ID numru 618743M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. gja' Mid-Med Bank Limited fejn gie premess :

Illi s-socjeta' attrici giet kanonizzata kreditrici tal-konvenut Saviour Bellotti b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, tat-3 ta' April 1992, li kopja taghha qieghedha tigi hawn annessa u mmarkata Dokument HSBC 1 fis-somma ta' sitt elef, hames mija u disgha u sebghin lira

maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (LM6579.28) oltre l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) per annum ikkalkolati mit-22 ta' Marzu 1987, sal-gurnata tal-pagament effettiv ara prospett Dokument HSBC 2;

Illi s-self originarjament kien inghata permezz ta' hames (5) *Loan Account Agreement Forms* datati 30 ta' Settembru 1985 (dokumenti HSBC 3 sa 7) u ghalhekk dawn l-iskritturi gew iffirmati minn Saviour Bellotti biss, dak iz-zmien ir-ragel wahdu kellu l-jedd jorbot il-konunjoni tal-akkwisti u ghalhekk martu Rosaria sive Lucy Bellotti hija wkoll responsabbli ghad-dejn maghmul;

Illi ghaddew aktar minn hames snin minn meta l-fuq imsemmija sentenza bhal titolu ezekuttiv seta' tigi ezegwita;

Illi s-socjeta' rikorrenti ghandha interess illi l-istess sentenza ghandha terga' tigi reza ezegwibbli u inforzabbli sabiex tkun tista' tezegwixxi ghall-hlas tal-kreditu taghha hawn fuq imsemmi;

Illi ghalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 258 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghalhekk is-socjeta' esponenti talbet li, ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, jigu ravvivati d-drittijiet taghha kontra l-konvenuti u b' hekk l-istess sentenza terga' ssir titolu ezekuttiv skond il-Ligi u tkun tista' tigi ezegwita kontra d-debitur Saviour Bellotti u kontra martu Rosaria sive Lucy Bellotti bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti, salv kull provvediment iehor li dina l-Qorti toghgobha taghti;

Rat illi l-intimati debitament notifikati naqsu li jidhru u naqsu li jirrispondu;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2005 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Peress illi mill-provi u mic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz it-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw gustifikati;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti;

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------